MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-27 ta' April, 2007

Talba Numru. 848/2006

**Anthony Mizzi**
**ID 779854 (M)**

**vs**

**Sandro Dimech**
**ID 108978 (M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta` Settembru, 2006 fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta` elf mija u hamsin lira (Lm1,150) rapprezentanti ammont ekwivalenti ta` flus li kienu gew mislufa lill-konvenut ai termini ta` skrittura privata datata 28 ta` Lulju, 2005 annessa u mmarkata Dok A, liema ammont baqa` ma thallasx nonostante interpellat permezz ta` ittra ufficcjali datata 8 ta` Marzu, 2006.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-precitata ittra ufficcjali datata 8 ta` Marzu, 2006 u bl-interessi kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut datata 26 ta` Ottubru, 2006 fejn ikkontesta t-talba tal-attur in kwantu parti minnu ghandu jkun paccut ma` pagi mhux imhallsa lill-istess konvenut.
Bl-ispejjes.

Ra l-provi prodotti nkluz id-dokumenti esebiti.

Sema` it-trattazzjoni orali tal-abbli difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi fix-xhieda tieghu l-konvenut jammetti li kien ha b'self is-somma ndikata f'dokument ittra A u li ma kien hallas xejn lura minnha. Huwa jispjega li ma hallasx peress li kien qed jippretendi li kien fadallu jiehu xi pagi mill-employer tieghu. Illi mill-provi kollha prodotti jirrizulta fatt pacifiku li l-konvenut kien issellef il-flus minghand l-attur di proprio filwaqt li l-employer tal-istess konvenut kienet is-socjeta` kummercjali Concorde International Freight Forwarders Limited u mhux Anthony Mizzi personalment. Illi in vista ta` dan ghalhekk certament ma jirrizultawx l-elementi rikjesti mill-ligi ghal tpacija.

Ghaldaqstant in vista tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, t-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, kwindi jilqa` it-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma rikjesta ta` elf, mija u hamsin lira (Lm1,150) bl-imghax legali dekorribbli mit-8 ta` Marzu, 2006 u bl-ispejjes kollha ta` din l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------